Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-8 ta' Mejju 2025**

**Kump. Nru. 463/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Versus**

**Santosh Basnet**
**(Passaport Nepaliz nru. PA 1562910)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra Santosh Basnet, detentur tal-passaport Nepaliz bin-numru PA1562910.

F' isem ir-Repubbblika ta' Malta akkuzat talli nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024) u/jew fis-sieghat u/jew granet ta' qabel din id-data, gewwa l-fond 4, Violet, li jinsab gewwa Triq il-Qalb ta' Gesu', Paola u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tal-hati, u li kieku gie esegwit kien ikun dak ta' hruq volontarju tar' dar, mahzen, hanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, vettura, bacil jew bini iehor, gharix, jew xi lok iehor, meta hemm gewwa kien hemm persuna fil-waqt tal-hruq, u hu seta' jobsor li f'dak il -waqt hemm gew kien hemm xi persuna u dan bi ksur tal-Artikoli 41(1)(a) u 316(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkawza lil haddiehor biza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1), u twettqet vjolenza qabel jew

waqt it-twettiq tad-delitt u dan id-delitt sar fuq xi persuna li kien qiegħed jgħix fl-istess dar mal-ħati u dan bi ksur tal-Artikoli 251(3), 251H(f), 251HA u 202(h)(v) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu car, ikkaguna ħsara fil-gisem jew fis-saħħa, u cioe' offiza ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Khadka Prakash, u dan kien persuna li kien qiegħed jgħix fl-istess dar mal-ħati u bi ksur tal-Artikoli 221(1), 222(1)(a), 222A(7) u 202(h)(v) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi, bil- lejl, kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor u dan bi ksur tal-Artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin, b' xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodici, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi, ħebb kontra persuna sabiex jingurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm -il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodici u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi, għamel lil ħaddieħor ingurji jew theddid mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħalliehx jew fixklu waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'ligi kien ordnat, jew jista' jagħmel, jew billi ħassar fix- xejn jew ħassar dak li ħaddieħor kien għamel skont il-ligi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm -il darba din id-dizubbidjenza jew dan l-indħil ma jaqax taħt disposizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodici jew ta' ligi oħra u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' B K Suman, Santosh Thapa, Sila Regmi, Khadka Prakash, Thapa Santosh u Aryal Dikshya billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u necessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa w opportuni, toħrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali;
F'kaz ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tħaddem

kontra l-hati d-disposizzjoni tal-Artikolu 15A u 532A tal-Kodici Kriminali, u dan minbarra li tinfliggi l-piena jew pieni li tistabilixxi l-ligi;

F'kaz ta' htija ghar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew ghal wiehed biss jew ghal uhud minnhom, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex thaddem kontra l-hati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, u dan minbarra li tinfliggi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-ligi;

F'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta' tal-partijiet lezi;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2025, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 8, 31, 41(1)(a), 202(h)(v), 221(1)(a), 222A(7), 251(3), 251H(f), 251HA, 316(a), 338(m)(dd)(ee) u 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **qed issib lill-imputat Santosh Basnet hati** ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih u **tikkundannah ghal wiehed u hamsin (51) xahar prigunerija effettiva.**

In oltre ai termini ta' l-**Artikolu 382A** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti **qed tpoggi lill-hati Santosh Basnet taht Ordni tat-Trazzin ghal tlett (3) snin minn meta jiskonta l-piena karcerarja,** ghal protezzjoni ta' B K Suman, Santosh Thapa, Sila Regmi, Khadka Prakash, Thapa Santosh u Aryal Dikshya.

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed **tordna lill-hati Santosh Basnet sabiex ihallas is-somma ta' tmint elef, tliet mija u tnejn u disghin Ewro u tmienja w erbghin centezmu (€ 8392.48)** rapprezentanti spejjez ta' l-Esperti mahtura fil-kawza odjerna.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lil Kummissarju tal-Pulizija.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**